**OTTUBRU 2007** **NUMRU 225**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Din is-sena d-Direttorju, beħsiebu li jagħti aktar emfasi fuq il-ħtieġa tal-qdusija tal-membri tagħna u l-ħtieġa tat-talb.
Fl-erba' ħarġiet tal-Ħuġġieġa din is-sena, se niktbilkom kif, meta t-talb ikun magħmul tajjeb fejn iwassal lir-ruħ. Mhux se tkun ħaġa faċli la biex wieħed jifhem dan it-tagħlim kif tagħtulna Santa Tereża ta' Ġesù, u wisq iżjed biex naslu għal bidla hekk radikali li r-ruħ tingħaqad ma' Alla.
Meta Santa Tereża kitbet 'Il-Kastell Ġewwieni' kitbet minn dik l-esperjenza li l-Mulej għadda lil din il-Qaddisa. Ma kitbitx dak li studjat, jew qrat, imma dak li għaddiet minnu hi.

Kemm is-sena soċjali li għaddiet, u kemm fl-ewwel ħarġa tal-Ħuġġieġa ta' din is-sena soċjali kellimtkom fuq l-Ispiritwalità ta' l-Azzjoni Kattolika, li hija mibnija;

1. Dimensjoni Kontemplattiva
2. Dimensjoni ta' l-Ispiritwalità ta' l-inkarnazzjoni
3. Dimensjoni sagramentali
4. Il-grazzja sagramentali.

It-Tagħlim fuq it-talb kif tgħallmu Santa Tereża ta' Ġesù, ma jfixkel xejn mill-Ispiritwalità ta' l-Azzjoni Kattolika, anzi jgħinna biex iktar ngħarrfu u nħaddmu l-Ispiritwalità tagħna.
Dak li ma stajtx nagħmel fil-Ħuġġieġa minħabba l-ispazju, se nagħmlu fl-Information Sheet, jiġifieri, li minn Ottubru sa Ġunju nipprova nispjega dak li fil-qosor nkun ktibt fil-Ħuġġieġa ta' Ottubru/Jannar/April/Lulju.

Tkun ħaġa ta' siwi kbir, li dak li qed nikteb fl-Information Sheet, mhux biss jinqara lill-membri imma wkoll li ssir xi lezzjoni fuqu.

Nittama li dawk iċ-Ċirkoli li jkollli okkażjoni li jistednuni għal xi Rtir, nitkellem fuq dan is-suġġett, tqil imma sabiħ u ta' fejda għar-ruħ. Tinsewx li dawk kollha li għandhom l-email, jistgħu jirċievu l-Information Sheet id-dar, jekk jibgħatu l-indirizz ta' l-email lil webmaster@akmalta.org. Grazzi lis-Segretarju Ġenerali Adrian Leone Ganado.

Nittama li sakemm tasal din l-Information Sheet, iċ-Ċirkoli kollha diġà organizzaw ruħhom sew u lesti għal laqgħat u għall-Assemblea Ġenerali li se ssir fl-14 ta' Ottubru fl-Iskola Santa Monika - Fleur-de-Lys

Tel:- 21441769 email:damiancachia@onvol.net.
Il-Mulej iberikna
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

Waslet l-Assemblea. L- Assemblea hija l-aktar laqgħa importanti tas-sena. Importanti għaliex fiha jiġi mħabbar il-programm tas-sena. Kull membru b'mod partikolari, il-membri tal-kumitati għandhom ikunu jafu l-għan spiritwali li lejħ aħna mixjin. Ħafna drabi dan il-għan tagħtihulna l-Knisja stess. Din is-sena se nikkonċentraw fuq il-formazzjoni spiritwali. Waqt li dan l-aspett hekk importanti qatt ma ttraskurajnih, ilna daqsxejn ma niffukaw fuqu. Għażilna il-formazzjoni spiritwali għalhiex hi waħda mill-għanijiet tas-sinodu għas-snin 2007-08. Minbarra minn dan se nkomplu naħdmu fuq is-solidarjetà ma' min hu fil-bżonn u fuq il-komunjoni bejnietna, ma' l-għaqdiet l-oħra u fil-parroċċa.

Narawkom ilkoll hemm, miġburin madwar l-Arċisqof tagħna u wara kulħadd, kbar u żgħażagħ, għall-ikla ftit il-bogħod minn fejn se ssir l-Assemblea.

Il-preparazzjonijiet għaddejjin ġmielhom. Christine kitbet l-iskript, Trudy qed tikkoordina u tipprepara s-separju, Petra qed tieħu ħsieb l-izfin. Hemm min qed jieħu ħsieb l-orkestra u min qed jieħu ħsieb is-sound u d-dawl. Hemm min qed jaħseb fl-ikla li se nieklu wara. In-nisa, l-irġiel u x-xebbiet qegħdin jieħdu ħsieb il-quddiesa u l-mistiednin u ħafna affarijiet oħra.

### Quddiesa ta' Radd il-ħajr

Il-quddiesa fl-Assemblea se tkun quddiesa ta' radd il-ħajr.

Din is-sena sejrin niċċelebraw:

- L-għoxrin anniversarju mis-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar "il-Vokazzjoni u l-Missjoni tal-lajċi fil-Knisja u fis-Soċjetà li kien sar f'Ottubru ta' l-1987 u ta' l-Eżortazzjoni Appostolika "Christifideles Laici" tal-Papa Ġwanni Pawlu II.
- L-għoxrin anniversarju mill-beatifikazzjoni ta' tliet membri: Antonia Mesina, Pierina Morosini, Marcel Callo li kienet saret fil-4 ta' Ottubru.
- L-għoxrin sena mit-twaqqif tal-Federazzjoni Internazzjonali ta' l-Azzjoni Kattolika li tagħha aħna konna l-*founder members.*

Aħna se ningħaqdu ma' l-Azzjoni Kattolika fid-dinja kollha f'quddiesa ta' radd il-ħajr.

Aktar tard fl'1 ta' Mejju l-Azzjoni Kattolika tagħlaq 140 sena mit-twaqqif tagħha fl-Italja. Qegħda tiġi ppjanata laqgħa mal-Papa u Seminar. Aħna mistiednin. Dettalji nagħtihomlkom aktar tard.
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

# Assemblea Ġenerali 2007

Ippreseduta mill-Eċċellenza Tiegħu
L-Arċisqof Pawl Cremona O.P.

**Data: Il-Ħadd, 14 ta' Ottubru 2007**
**Ħin: Mid-9.a.m. sa nofs inhar**
fis-Sala ta' l-Iskola ta' Santa Monika
4, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur de-Lys, B'Kara.
(Bus No 71, stage wara l-Knisja tal-Karmnu).
**Il-Membri huma mitluba li jkunu fis-Sala fid-8.45 a.m. biex nibdew fil-ħin.**
**Wara l-Assemblea se ssir il-Festa Familja Tradiżżjonali fis-Sala tal-Karmelitani viċin fejn se ssir l-Assemblea Ġenerali.**

## Ċenaklu Għad-Diriġenti Ċentrali

Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Novembru, 2007
Fis-6.00 p.m.
f'Sala Mons Dandria
Istitut Kattoliku Floriana
Il-Membri tad-Direttorju Ġenerali u tal-Kunsilli u Kummissjonijiet ¬entrali
huma mħeġġa li jattendu.

## Fergħa Rġiel

| | |
|---|---|
| 14 ta' Ottubru 2007 | Assemblea Ġenerali mid-9.00 a.m sa nofs in-nhar fis-Sala ta' l-iskola ta' Santa Monika - 4, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur de-lys B'Kara. Bus No 71, stage wara l-Knisja tal-Karmnu. |
| 15 ta' Ottubru 2007 | Laqgħa tal-Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m. |

## Moviment Għalliema Kattoliċi

| | |
|---|---|
| 10 ta' Ottubru 2007 | Kors ta' Spiritwalità LaSaljana fis-6.00 p.m. fl-Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 14 ta' Ottubru 2007 | Assemblea Ġenerali mid-9.00 a.m sa nofs in-nhar fis-Sala ta' l-iskola ta' Santa Monika - 4, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur de-lys B'Kara. Bus No 71,stage wara l-Knisja tal-Karmnu. |
| 17 ta' Ottubru 2007 | Laqgħa tal-Kunsill, fil-5.30 p.m. |

## Fergħa Nisa

| | |
|---|---|
| 11 ta' Ottubru 2007 | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| 14 ta' Ottubru 2007 | Assemblea Ġenerali mid-9.00 a.m sa nofs in-nhar fis-Sala ta' l-iskola ta' Santa Monika - 4, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur de-lys B'Kara. Bus No 71,stage wara l-Knisja tal-Karmnu. |
| 25 ta' Ottubru 2007 | Assemblea Fergħa Nisa fid-9.30 a.m. fil-Parroċċa l-ġdida ta' Santa Venera. |
| 31 ta' Ottubru 2007 | Laqgħa Distrettwali No 1 f'Dar Nazaret, Tarxien, fid-9.30 a.m. għal dawn iċ-Ċirkoli: B'Buġia, Cospicua, Fgura, Gudja, Kirkop, Mqabba, Qrendi, Safi, Senglea,Tarxien,Vittoriosa, Żabbar, Żejtun, Żurrieq. |
| 7 ta' Novembru 2007 | Laqgħa ta' talb għar-romol |
| 8 ta' Novembru 2007 | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |

## Fergħa Xebbiet Adulti

| | |
|---|---|
| 4 ta' Ottubru 2007 | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |
| 14 ta' Ottubru 2007 | Assemblea Ġenerali mid-9.00 a.m sa nofs in-nhar fis-Sala ta' l-iskola ta' Santa Monika - 4, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur de-lys B'Kara. Bus No 71,stage wara l-Knisja tal-Karmnu. |
| 28 ta' Ottubru 2007 | High Tea (dettalji f'ċirkulari) |

Ottubru huwa x-xahar tar-Ružarju. Inħeġġu liċ-¬irkoli kollha biex jgħidu r-Ružarju flimkien fil-bidu jew tmiem ta' kull laqgħa. Noffruh għall-Azzjoni Kattolika Maltija.

## Fergħa Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Ż.A.K.

| | |
|---|---|
| 1 ta' Ottubru 2007 | Laqgħa ta' diskussjoni dwar Euroforum 2008 |
| 1 – 13 ta' Ottubru 2007 | Rehearsals u preparazzjoni għall-Assemblea Ġenerali |
| 12 ta' Ottubru 2007 | 'Blast', Musical organizzat minn ŻAK B'bugia |
| 14 ta' Ottubru 2007 | Assemblea Ġenerali |

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

Objettivi tal-Ħidma tas-SAS matul din is-Sena Soċjali 2007/2008

Ngħixu r-realtà tal-preżent: nifhmu l-isfidi soċjali li għandu l-bniedem ta' llum. Sfidi li mhux kulħadd ikun kapaċi jaffronta b'konsegwenza li jkun hemm min jaqa' lura. U dan iġib miegħu l-faqar, fid-diversi forom tiegħu.

Ninvestu fis-sod u s-sod huwa l-valuri li nħaddnu, mibnija fuq l-ispirtu ta' Alla ħaj. Dan huwa ta' ħtieġa kbira għall-bniedem fid-diffikultà li jrid jissielet ma' dak li qed iġarrab u huwa assolut għal bniedem li jrid jikkommetti ruħu għal ħaddieħor.

Il-Wiċċ ta' Alla: Inkunu missjunarji li nwasslu l-wiċċ ħanin ta' Alla kif kien rifless f'Ibnu l-għażiż ĠesÙ Kristu li għadda mit-triqat u mill-ibliet tal-Palestina 'jagħmel il-ġid u jfejjaq lil kulħadd'.

Nirsistu fuq il-ħtieġa ta' Komunjoni: "Hemm imbagħad diversi doni, imma l-istess wieħed hu l-Ispirtu . . . . (1 Kor. 12, 4) Din il-kwotazzjoni għandha tixprunana biex naħdmu dejjem flimkien. Huwa meta ngħixu l-Komunjoni li nkunu qed nieħdu sehem fil-bini tas-Saltna ta' Alla.

Infittxu Djalogu Kontinwu fi ħdan l-Azzjoni Kattolika stess, fi ħdan il-Kunsill Caritas u l-Knisja kollha u ma' l-istess soċjetà ċivili, biex l-attenzjoni lil bniedem fid-diffikultà ma tieqaf qatt.

Nissaħħu fil-Formazzjoni u t-Taħriġ. Alla jħobb lil bniedem. Dak li għamel Iben Alla l-Missier, ĠesÙ Kristu, irid jibqa' jidher fina u permezz tagħna billi nġeddu kuljum il-messaġġ tiegħu. Huwa ferm diffiċli li nagħmlu dan jekk ma nkunux lesti li nissaħħu fil-formazzjoni u t-taħriġ.

Nagħtu sehemna biex ikollna soċjetà li ma teskludi lil ħadd. Kull bniedem huwa uniku u importanti għax huwa xbieha ta' Alla. Għal kuntrarju d-dinja tagħti importanza lil min hu b'saħħtu', 'jipproduċi', 'qawwi'. Dinja mhedija bil-preġudizzju. Irridu nkunu kapaċi mmorru kontra l-kurrent tad-Dinja biex nieħdu sehem fil-pjan ta' Alla.

It-Tifsira Nisranija tal-Karità
|ewġ Laqgħat li jgħinuna nifhmu d-Dimensjoni nisranija
meta ngħinu lill-Proxxmu

It-Tnejn 5 ta' Novembru 2007 fis-6.00 p.m.
It-Tnejn, 12 ta' Novembru 2007 fis-6.00 p.m.
F'Sala Dandria Istitut Kattoliku Floriana.
Imexxi l-Laqgħat Dun Ġorġ Dalli
Il-membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika huma mistiedna

**Servizz bil-Minibuses**

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità. Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-booking tagħkom

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**SOLIDARJETÀ** Dan il-Programm iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità, u ppreżentat mill-Kummissjoni tagħna fuq Radju Malta qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m. Dawn huma d-dati ta' Ottubru :- 7, 14, 21 u 28.

***E|EKUTTIV*** Nhar l-Erbgħa 10 ta' Ottubru fis-6.00 p.m. se ssir l-ewwel laqgħa ta' l-Eżekuttiv tal-Kummissjoni għas-Sena Soċjali 2007-2008 F'din il-laqgħa nħejju l-attivitajiet għas-sena soċjali ġdida. Il-membri kollha huma mitlubin jattendu u jkunu fil-ħin.

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN

| | |
|---|---|
| Grupp Koppji B'Buġia | Adorazzjoni kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00a.m. u 9.30 a.m. fil-Kappella tas-Sorijiet tal-Karità, Triq San Tumas, B'Buġia. |
| 14 ta' Ottubru 2007 | Assemblea Ġenerali mid-9.00 a.m sa nofs in-nhar fis-Sala ta' l-iskola ta' Santa Monika - 4, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur de-lys B'Kara. Bus No 71,stage wara l-Knisja tal-Karmnu. |
| Il-Ħadd 21 ta' Ottubru | Irtir fil-Kappella tad-Depiro Youth Centre Rabat - -Quddiesa fit-8.30 a.m. (tal-Ħin) Konferenza mill-10.00 sa 12.00 a.m. Imexxi Patri Karm Debattista MSSP. Jiedhu sehem il-Gruppi Koppji Balzan, Naxxar, Ħamrun Kunċizzjoni, Rabat u B'Buġia. Kulħadd huwa mistieden. |

# KUMMISSJONI FUND-RAISING

## FESTA FAMILJA WARA L-ASSEMBLEA ĠENERALI 14 TA' OTTUBRU 2007

fis-Sala tal-Karmelitani viċin fejn se ssir
l-Assemblea Ġenerali Fleur de-Lys, B'Kara.
(Bus No 71, stage wara l-Knisja tal-Karmnu).

1. MENU - Maltese platter li jinkludi timpana, bigilla, meat balls biz-zalza, zalzett tal-Malti, tiġieġ, salad, ħobż, frott. Deżerta u drink - PREZZ - Lm 3.50c.

2. MENU - Hot Dog biċ-chips u drink - PREZZ - Lm1.50c

Bħas-soltu l-kitba u għażla tal-Menu ssir fis-Segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika fl-Istitut Kattoliku, Floriana, Tel: 21222239 sat-Tnejn 8 Ottubru.
**Bookings wara din id-data ma jistgħux jiġu aċċettati.**

***Librerija Azzjoni Kattolika - Floriana***

*Wieħed isib:*

*Kull tip ta' kotba reliġjuzi bil-Malti u bl-Ingliz – għall-kbar u ghat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.*

*Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'Go Mobile'.*
*Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.*

*Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar*
*4 sas 7.30 ta' filgħaxija*
*is-Sibt – filgħodu biss*





*Tel: 21 237031*

*Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.*



Gheziez Qarrejja,

Iz-zmien jghaddi u ma jistenna lil hadd u sena ghaddiet malajr, u ghalhekk nixtieq nirringrazzjak li int fost il-hafna qarrejja tar-rivista taghna *'Il-Huggiega'*. Bhala membru fil-familja ta' qarrejja ahna

L-abbonament tal-Huggiega 2008 huwa Lm 2.50 - EUR 5.82 bil-posta, jew Lm 2.25 - EUR 5.24 jekk tittiehed mill-Bookshop. L-ispejjez biex 'Il-Huggiega' tkun tista tasal ghandkom huma hafna, ghalhekk l-abbonament taghkom huwa ta' importanza kbira ghalina.

Filwaqt li nixtieq nghidilkom li bl-ghajnuna taghhkom is-sena l-ohra ziedna b'numru sabih il-qarrejja tal-Huggiega. Zgur li fic-cirkoli taghna ghad hemm min mhux abbonnat fil-Huggiega. Din is-sena qed nergghu nistiednu lill-qarrejja biex jghinuna nxerrdu aktar il-Huggiega. Kieku kull qarrej isibilna abbonat gdid kieku nirduppjaw in-numru ta' nies li jiksbu tant gid mill-Huggiega u b'hekk jirduppjaw in-nies ukoll li jaqraw aktar fuq il-Kelma ta' Alla. Abbonament fil-Huggiega ghall-hbieb jista jkun rigal sabih

Nixtiequ nigbdulkom l-attenzjoni li l-abbonament tal-Huggiega 2008, jista jsir sat-23 ta' Novembru, jew waqt il-laqghat tac-Cirkoli mill-Presidenti jew inkella fil-*Bookshop*.

Nixtiequ navzawkom li min ma jgeddidx/ihallas l-abbonament tieghu mhux se jkun qieghed jircievi il-Huggiega ghas-sena 2008.

Grazzi ta' l-interess li dejjem urejtu fil-Huggiega.

Dejjem Taghkom

Natalie Farrugia
Aministratur Generali

---

*Imla l-formula u ibghatha sat-23 ta' Novembru flimkien mal-hlas lil:*
Azzjoni Kattolika Maltija – Librerija Azzjoni Kattolika - Istitut Kattoliku – Floriana

Qieghed/a nibghat l-ammont ta' Lm/EUR……….. hlas ta' l-abbonament fil-Huggiega ghas-sena …..…….

Isem u Kunjom …………………………..……………………….

Indirizz ……………………………………………………………............... Kodici Postali Gdid……….

Email …………………………………………………… Tel/Mobile No: ………………………………

Qieghed/a nibghat l-ammont ta' Lm/EUR ……….. ghax nixtieq naghti l-abbonament bhala rigal lil:

Isem u Kunjom …………………………..……………… Email ………………………………………..

Indirizz …………………………………………………….………..……. Kodici Postali Gdid …………..

# OFFERTA SPEĊJALI



**għax-xahar ta' Ottubru**

# Skont ta'

# 15%

## fuq il-KARTOLINI



**mill-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika – Floriana**